MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 623/2008

**Casino-For-Me Limited**
**(C – 37398)**

**vs**

**Chartwell Games (Malta) Limited**
**(C – 35153)**

l-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat is-17 ta’ Gunju, 2008, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti ppremettiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi dahlet fi ftehim skritt mas-socjeta` ntimata datat it-28 t’April, 2006, (ara fol 5);
2. Illi minhabba diversi nuqqasijiet mis-socjeta` ntimata din ma pprovdietx is-servizzi hekk pattwiti lis-socjeta` rikorrenti;

3. Illi rizultat tal-istess, is-socjeta` ntimata offriet lil dik rikorrenti l-ghazla li tittermina l-ftehim fuq indikat u li tirrifondi lill-istess socjeta` rikorrenti s-"*set-up fees*" gia` minnha lilha mhallsa, ammontanti ghal erbghin elf Ewro, (€40,000.00);

4. Illi s-socjeta` rikorrenti accettat l-imsemmi offerta ndikata fil-paragrafu precedenti;

5. Illi l-ftehim fuq riferit gie terminat fis-27 ta' Frar, 2008, izda s-socjeta` ntimata naqset li tirrifondi lis-socjeta` rikorrenti l-ammont miftiehem fuq indikat;

6. Illi di piu`, qabel it-terminazzjoni tal-ftehim imsemmi fis-27 ta' Frar, 2008, is-socjeta` ntimata obbligat ruhha, in turija ta' *buona fede*, li ma tesigix il-hlas tal-licenzja rapprezentanti x-xahar ta' Frar, 2008, u ammontanti ghal hamest elef Ewro, (€5,000.00), mis-socjeta` rikorrenti;

7. Illi nonostante tali obbligu unilaterali ndikat fil-paragrafu precedenti, is-socjeta` rikorrenti xorta kellha thallas il-licenzja riferita fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` ntimata biex jigi terminat il-ftehim fuq riferit;

8. Illi s-socjeta` ntimata hi ghalhekk debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' hamsa u erbghin elf Ewro, (€45,000.00), kif fuq gia ndikat;

9. Illi ghalkemm is-socjeta` ntimata giet interpellata biex thallas l-ammont fuq indikat, baqghet inadempjenti u konsegwentement kellha tigi wkoll intavolata din il-procedura biex din il-qorti:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' erbghin elf Ewro, (€40,000.00), rapprezentanti s-"*set-up fees*" li s-socjeta` ntimata obbligat ruhha li tirrifondi lis-socjeta` rikorrenti;
ii. Tiddikjara w tiddeciedi li s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta'

hamest elef Ewro, (€5,000.00), rapprezentanti r-rifuzjoni tal-licenzja ghax-xahar ta’ Frar, 2008;

iii. Tikkundanna u tordna lis-socjeta` ntimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ hamsa u erbghin elf Ewro, (€45,000.00), jew kwalunkwe somma ohra verjuri li din il-qorti tiddeciedi li hi dovuta mis-socjeta` ntimata lis-socjeta` rikorrenti;

iv. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati nvoluti u bl-imghaxijiet skont il-ligi mis-27 ta’ Frar, 2008, sad-data tal-effettiv pagament;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` ntimata datata d-9 ta’ Settembru, 2008, li permezz taghha sintetikament irrispondiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament ir-rikors promotur hu null stante li nebuluz u ma jindikax b’mod car l-oggett u t-tip tal-kawza, u r-ragunijiet ghat-talba;

2. Illi allura s-socjeta` ntimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha tindika b’mod car taht liema artikolu/i qed tibbaza t-talbiet taghha;

4. Illi ghaldaqstant, is-socjeta` ntimata qed tirrizerva d-dritt taghha li tressaq eccezzjonijiet, (jew ahjar risposti) ulterjuri;

5. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, in-nullita` tar-rikors promotur peress li mhux qed jintalab rimedju moghti mill-ligi stante li s-socjeta` rikorrenti qed titlob lura flus gia` minnha mhallsa u ghalhekk, it-talbiet kif dedotti huma assolutament legalment insostenibbli, u ghalhekk ukoll, is-socjeta` ntimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

6. Illi fil-meritu, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi mhux il-kaz li jigu rifuzi s-“*set-up fees*” stante li s-socjeta` ntimata iddizinjat, ikkonsenjat u stallat il-“*gaming software*” lis-socjeta` rikorrenti fit-termini tal-kuntratt;

ii. Illi l-istallazzjonijiet li gew effettwati lis-socjeta` rikorrenti gew minnha wzati ghal aktar minn sena;

iii. Illi l-licenzja mensili dejjem thallset mis-socjeta` rikorrenti;

iv. Illi s-socjeta` rikorrenti wzat is-sistema provduta mis-socjeta` ntimata sa Frar, 2008;

v. Illi meta s-sistema provduta mis-socjeta` ntimata giet maghluqa u l-ftehim gie xolt fi Frar, 2008, is-socjeta` rikorrenti hallset lis-socjeta` ntimata dak kollu minnha dovut sa din id-data hawn indikata;

vi. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ma kellha l-ebda pretensjonijiet ohra kontra s-socjeta` ntimata u hallset dak minnha dovut ghas-saldu u bla ebda rizervi;

vii. Illi mhux il-kaz li tigi rifuza s-somma mhallsa ghall-licenzja ghal Frar 2008, stante li l-“*platform*” provduta lis-socjeta` rikorrenti kienet effettivament uzata minnha u ghalhekk, l-ammont de quo kien dovut;

7. Illi in oltre, a bazi tal-ftehim in dizamina hemm klawsola partikolari li tillimita l-oghla ammont ta’ dannu li kull wahda mill-partijiet tista’ titlob ghall-ammont ta’ erbghin elf Ewro, (€40,000.00);

8. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-14 t’Ottubru, 2008, li permezz tieghu il-kawza kienet differita ghall-provi u trattazzjoni tal-partijiet dwar l-eccezzjonijiet preliminari, (ara fol 55);

Rat id-digriet tahgha diversament preseduta datat l-24 ta’ Novembru, 2009, li permezz tieghu hatret assistent

gudizzjarju biex jisma’ x-xhieda li kien ghad fadal li jinstemghu, (ara fol 316);

Rat l-ordni taghha kif preseduta datat il-11 t’Ottubru, 2011, li permezz tieghu ordnat li l-inkartament f’idejn l-assistent gudizzjarju fuq riferit jigi trasmess fl-atti ta’ din il-procedura, (ara fol 325);

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali datat it-2 ta’ Jannar, 2012, li permezz taghha annetta l-inkartament fuq riferit fl-atti odjerni;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-24 t’April, 2012, li permezz tieghu nfurmaw lill-qorti li kienu qed jaqblu li t-trattazzjoni ssir b’mod skritt;

Rat id-digriet taghha wkoll datat l-24 t’April, 2012, li permezz tieghu laqghet it-talba ndikata fil-paragrafu precedenti u ffissat id-dati li fihom l-istess kellhom jipprezentaw is-sottomissjonijiet skritti taghhom, (ara fol 386);

Ezaminat l-affidavitijiet ipprezentati u x-xhieda mismugha min din il-qorti diversament preseduta;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn tirrileva li nonostante li originarjament il-kawza kienet indirizzata biex jigu epurati biss l-eccezzjonijiet preliminari sollevati, (ara fol 55), ghandu jirrizulta abbundantement car li min-noti ta’ sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet dawn issuperaw il-kwistjonijiet preliminarji, injorawhom u ndirizzaw minflok il-meritu veru u proprju tal-vertenza in dizamina;

Illi ghaldaqstant, din il-qorti qed tiehu bhala superati l-kwistjonijiet preliminarji u tiffoka fuq il-meritu tal-vertenza de quo;

Illi konsegwentement in vista tal-premess qed tikkonsidra l-eccezzjonijiet preliminari sollevati bhala rtirati;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti kif esposti mis-socjeta` rikorrenti jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi l-fatti odjerni huma wkoll limitati ghall-ewwel talba, senjatament dik rigwardanti s-“*set-up fees*” ammontanti ghal erbghin elf Ewro, (€40,000.00), stante li fin-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti l-istess socjeta` tafferma li t-tieni talba rigwardanti l-licenzja, (ammontanti ghal hamest elef Ewro, (€5,000.00)), giet minnha rtirata, (ara fol 389);

2. Illi ghall-kjarezza jinghad li l-verenza odjerna hi ghalhekk limitata ghall-kwistjoni tal-imsemmija “*set-up fees*” u l-pagament hemm riskontrat;

Ikkunsidrat:

Illi f’dan ir-rigward specifiku jinghad sintetikament is-segwenti:

1. Illi s-socjetajiet kontendenti ffirmaw ftehim intitolat “*Software Development and Licence Agreement*” fit-28 t’April, 2006, (ara fol 5 sa 20), bl-appendici hemm ukoll inkluzi;

2. Illi a bazi tal-klawsola 3.1 tal-ftehim indikat fil-paragrafu precedenti, is-“*set-up fees*” ghad-disinn u stallazzjoni tal-“*gaming software*” jammontaw ghal erbghin elf Ewro, (€40,000.00);

3. Illi jidher li s-sistema bdiet topera fil-31 t’Ottubru, 2006;

4. Illi jirrizulta li zviluppaw diversi nuqqasijiet fis-sistema provduta mis-socjeta` ntimata u wara diversi trattattivi bejn is-socjetajiet hawn involuti inthalaq ftehim li permezz tieghu qablu li:

i. Ir-relazzjoni kontrattwali ta' bejn il-partijiet hawn kontendenti tigi terminata fit-28 t'April, 2008;

ii. Illi s-socjeta` rikorrenti tigi rifuza mis-socjeta` ntimata s-somma ta' erbghin elf Ewro, (€40,000.00);

5. Illi dan il-ftehim jirrizulta mill-ittra t'accettazzjoni datata l-1 ta' Novembru, 2007, (ara fol 73), mibghuta mis-socjeta` rikorrenti wara l-offerta skritta tas-socjeta` ntimata datata l-10 ta' Novembru, 2006;

6. Illi wara l-konsolidazzjoni ta' dan il-ftehim sussegwenti, il-partijiet baqghu jikkomunikaw flimkien bil-ghan li jikkonkludu l-vertenza de quo;

7. Illi stante li dan il-ftehim ma giex konkretizzat, il-kwistjoni giet migjuba quddiem din l-istruttura;

Ikkunsidrat:

Illi minn naha taghha s-socjeta` ntimata ssostni sintetikament is-segwenti:

1. Illi ghalkemm is-socjeta` rikorrenti kienet qed tirriskontra diversi diffikultajiet fl-operat tas-sistema minnha adottata, s-socjeta` ntimata tinnega li hi kienet responsabbli ghal dawn l-istess diffikultajiet riferiti;

2. Illi pero`, kif jirrizulta anke minn nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` ntimata, din l-istess socjeta` tikkonferma li effettivament is-socjetajiet kontendenti lahqu ftehim li s-socjeta` ntimata tirrifondi s-"*set-up fee*" u ttemm il-ftehim;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk il-vertenza odjerna mhix naxxenti mill-kuntratt originali tat-8 t'April, 2006, jew mir-relazzjonijiet sussegwenti li twieldu biex jigu ripristinati s-sistemi wtilizzati, izda mill-offerta ntavolata mis-socjeta` ntimata lil dik rikorrenti rigwardanti s-"*set-up fees*" u l-konsegwenti terminazzjoni tal-kuntratt ta' bejniethom;

Illi dan hu stabbilit bl-aktar mod inekwivoku fl-ittra datata l-1 ta' Novembru, 2007, li permezz taghha s-socjeta` rikorrenti accettat l-offerta sottoposta lilha mis-socjeta` ntimata fl-10 ta' Novembru, 2006;

Illi gialadarba hemm l-accettazzjoni regolari tal-offerta sottoposta, l-ebda rifjut sussegwenti bhal dak tar-rapprezentant tas-socjeta` ntimata Rosenthal ma ghandu effett legali ghaliex il-vertenza kienet kristallizzata bl-accettazzjoni tal-offerta u ghalhekk, vinkolanti fuq il-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda u mid-dokumentazzjoni esposta jirrizulta ghalhekk is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata stess offriet ir-rifuzjoni de quo u t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet fuq riferit;

2. Illi nonostante dan il-vinkolu kontrattwali li issa zviluppa wara l-accettazzjoni tal-1 ta' Novembru, 2007, fuq riferita, s-socjeta` ntimata ghazlet li ma tonorax l-offerta taghha stess hekk debitament accettata;

Ghaldaqstant din il-qorti in vista tal-premess filwaqt li tirrespingi r-risposta tas-socjeta` ntimata minnha sottomessa fir-rigward tal-meritu ta' din il-vertanza, takkolji t-talbiet tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata Chartwell Games (Malta) Limited hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti Casino-For-Me Limited fis-somma ta' erbghin elf Ewro,

(€40,000.00), rapprezentanti s-“*set-up fees*” li s-socjeta` ntimata obbligat ruhha li tirrifondi lis-socjeta` rikorrenti de quo;

2. Tikkundanna lill-imsemmija socjeta` ntimata fuq indikata thallas lis-socjeta` rikorrenti fuq ukoll indikata l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

3. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` ntimata fuq indikata, nkluzi dawk tal-mandati nvoluti ndikati mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur taghha, u wkoll bl-imghaxjiet legali dovuti mis-27 ta’ Frar, 2008, sad-data tal-effettiv pagament;

4. Illi rigward it-tieni talba tas-socjeta` rikorrenti tiddikjara li stante r-rinunzja ghall-istess mill-istess socjeta` rikorrenti, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba.

__________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------